# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

Nru 25 Lulju - Awissu 1985




## Qorbot il-Festa

*Ftit ġranet oħra u aħna l-Ġorġjani Għawdxin inkunu qegħdin niċċelebraw kif jixraq il-Festa f'ġieħ il-Qaddis Patrun tagħna u t'Għawdex, SAN ĠORĠ MEGALOMARTRI. Magħna jingħaqdu mijiet kbiar ta' Għawdxin ı u Maltin li, miġbudin mis-sollennità is-seher, il-briju u l-organizażżjoni, li huma karatteristiċi tal-festa tagħna, ma jonqsux li joħonqu t-toroq u l-pjazez ewlenin ta' beltna biex huma wkoll jaqsmu magħna l-ferħ u l-ispettaklu tal-FESTA ĠORĠJANA.*

*Fil-waqt li nkunu fl-aqwa ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, tajjeb niftakru li l-ogħla ġieħ li nistgħu nagħtu lil "Ġorġi Tagħna" f'dawn il-ġranet huwa s-sehem attiv tagħna fil-funzjonijiet sbieħ tal-knisja. Jagħmlu sabiħ fil-festa l-kuluri tal-karti, it-tiżjin tat-toroq, id-dwal tal-paviljuni u d-daqq tal-marċi u l-qniepen, iżda ferm isbaħ minn dawn jagħmel il-"bukkett spiritwali" li kull wieħed u waħda minna għandna npoġġu f'riġlejn l-artal matul il-Festa, bħala turija ta'* **mħabba, rispett** *u* **devozzjoni** *lejn il-qaddis protettur tagħna,* **SAN ĠORĠ.**

# SAN ĠORĠ MARTRI


*Rev. Joseph Farrugia S.Th.D.*


**Il-ġmiel ta' l-istendard rebbieħ li wiret b'mewtu glorjuża żejjen saltniet u ġnus. Il-qawwa straordinarja ta' ismu mliet b'ħajja qalbiena r-ruħ mifnija tal-gwerriera miġruħa fl-eqqel waqtiet tat-taqbidiet għas-sewwa. In-nobbiltà ta' mġiebtu u l-ħlewwa ta' għemilu xegħlu bla għadd il-qlub bil-ħrara għall-virtujiet tas-sema. Il-fama ta' qdusitu kibret, telgħet ma' l-għoljiet, xterdet mal-widien u nfirxet mal-wesgħat tad-dinja nisranija. Min, fost il-qaddisin li ċarċru demmhom għall-fidi ta' Kristu, saltan bħal San Ġorġ fuq il-ġrajjiet tal-ġnus imġarrba! Min bħalu ngħata l-qima tal-kotriet insara, u tgħolla daqsu fit-tifħir u s-sebħ fost l-ismijiet li jlissen b'ġieħ in-nisel tal-bnedmin![1]**

### IL-BIDU TAL-KULT

Il-kult ta' San Ġorġ jaf il-bidu tiegħu fl-**Orjent** fejn dan il-qaddis twieled għad-dinja, u fejn ukoll ċarċar id-demm żagħżugħ tiegħu biex hekk twieled għas-sema. Il-bidu ta' dan il-kult kien **imkebbeb fid-dlamijiet** tal-persekuzzjoni l-kbira. Fis-satra tal-biża' u l-hemm tal-qilla pagana, isem San Ġorġ, bħal stilla leqqiena fid-dlamijiet sfiqa tal-lejl, kien jixgħel u jheġġeġ fil-qlub ta' ħbiebu u ħutu l-insara li kienu jafu bil-glorja tal-martirju tiegħu.

Mal-waqfa tal-persekuzzjoni l-kult ta' San Ġorġ **ħareġ fid-dieher** u ħin bla waqt xtered mal-komunitajiet ekkleżjali tad-dinja orjentali. Miegħu żied jikber u jinxtered il-ġieħ tal-Qaddis ta' Lidda li fih il-Knisja Orjentali għadha tagħraf "il-Kbir Martri" u li lejh, "ir-Rebbieħ" fuq l-egħdewwa,[2] hi għadha tersaq sabiex tikseb l-għajnuna fit-taqbida nisranija kontra s-setgħat tal-ħażen u l-konsegwenzi tad-dnub.

Fl-**Oċċident** ukoll il-kult ta' San Ġorġ ma ddawwarx ma wasal u xtered fost l-insara. Mal-miġja tal-ħames seklu dan il-Qaddis tal-Knisja Orjentali kien ġa wieħed mill-martri l-aktar magħrufa fl-Ewropa tal-Punent[3] Ismu kien

jitfakkar fil-liturġija tal-komunitajiet ekkleżjali ewlenin, fosthom l-insara ta' Ruma[4] **Tant kibret l-imħabba u tant ħeġġet l-ammirazzjoni lejn dan il-Martri tal-Palestina illi ma għaddiex żmien wisq qabel ma l-istorja ta' ħajtu u l-kefrija ta' mewtu libsu dimensjonijiet epiċi.** Grajjiet tassew ta' l-għaġeb bdew jintrabtu ma' għemilu u egħġubijiet barranija bdew jissawbu fuqu[5]. Meta l-awtoritajiet tal-Knisja f'Ruma raw li fir-rakkonti popolari dwar San Ġorġ kien sar kważi mpossibbli li wieħed jagħżel bejn is-sewwa 'storiku' u l-espressjoni fantastika tiegħu, il-Papa Gelasju xandar digriet, illum magħruf bħala *Decretum gelasianum,* biex iwissi lill-insara kontra t-twemmin f'egħġubijiet li, b'mod mhux xieraq, kienu qed jiġu attribwiti lil San Ġorġ u lil qaddisin oħra[6]

Ta' min jinnota, hawnhekk, li jekk min-naħa l-waħda d-Digriet Ġelasjan iqiegħed il-"passio Georgii", jiġifieri l-ħajja ta' San Ġorġ kif kienet tiġi rrakkontata f'Ruma fis-seklu V, fost il-kitbiet apokrifi - mingħajr b'daqshekk ma jeskludi fiha elementi ta' verità storika, min-naħa l-oħra dan id-digriet jixhed illi fis-sena 494 wara Kristu l-popolarità ta' San Ġorġ kienet tant kibret u kebbset l-immaġinazzjoni tal-poplu li nħasset il-ħtieġa ta' sejħa għar-rażan. Wara li jafferma li l-egħmejjel ta' San Ġorġ u ta' għadd kbira ta' martri oħra huma aktar magħrufa min Alla milli mill-bnedmin, id-Digriet Ġelasjan iżid li madankollu **l-Knisja Rumana tissokta tagħti lilhom il-qima kollha tagħha**[7]

## IL-ĦAJJA TIEGĦU

Fil-qofol sobriju tagħha[8] it-tradizzjoni nisranija tagħraf F'San Ġorġ l-iben li twieled minn ġenituri nsara, fil-ħdan ta familja nobbli, qrib is-sena 284 wara Kristu. Dan l-iben ġie mogħti l-isem ta' **Ġorġ,** li fit-termini Griegi tiegħu jfisser "ħaddiem l-art", għax, kif innotaw diversi kittieba spiritwali[9] hu kellu jitrabba fil-fidi nisranija li ssejjaħ lil min iħaddanha sabiex, bħalma l-bidwi jaħdem l-art, hu wkoll jaħdem lil ġismu u jsawwar għemilu għas-sebħ ta' Alla fis-sema u fl-art.

In-nobbiltà ta' ismu u l-kwalitajiet personali tiegħu qabbdu lil Ġorġ karriera li, minkejja żgħożitu, malajr wasslitu fl-ogħla gradi tal-milizja Rumana u ressqitu qrib il-palazz ta' l-Imperatur fin-Nikomedija. Imma għad li ż-żgħażugħ tribun kien tant qrib dak kollu li jidher sabieħ għall-ġibdiet tad-dinja, hu ma naqas qatt fil-fedeltà tiegħu lejn Kristu u l-Knisja. Għalhekk xejn ma nistagħġbu li meta fis-sena 303 wara Kristu, faqqet il-persekuzzjoni l-kbira, Ġorġ kien minn ta' l-ewwel li stqarr b'kuraġġ il-fidi tiegħu u żammha sħiħa bla mittiefsa sa l-aħħar qatriet ta' demmu.

Wara tbatijiet kietra u mewt glorjuża, il-ġisem taż-Żagħżugħ Martri ttieħed minn ħbiebu nsara fil-belt imsejħa Diospoli, għal-Lhud "Lidda", fejn huma difnuh u kienu jgħożżu b'qima t-tifkira ta'ismu. Kien minn dan is-santwarju li warrdet u f'qasir żmien xterdet ma' kullimkien il-qima lejn il-Martri ta' Lidda.

## IT-TIXRID TAL-QIMA

Fis-sena 313 l-Imperatur Kostantinu ġab fit-tmiem l-ostilità tradizzjonali ta' l-Imperu Ruman lejn ir-Reliġjon Nisranija. U hekku li bdiet għall-Knisja era ġdida ta' libertà, fjoritura u maturazzjoni. Dehru jinbnew tempji u jitwaqqfu bażiliċi. Bdiet tisbieħ il-liturġija u tappròfondixxi ruħha aktar it-teoloġija. L-oqbra ta' l-insara martirizzati, ix-xhieda supremi tal-Knisja, saru ċentri kbar ta' kult nisrani. F'għadd dejjem jikber, pellegrini minn kull naħa ta' l-Ewropa bdew iterrqu bl-art u l-baħar lejn l-Art Imqaddsa biex hemm iqimu l-imkejjen li tqaddsu bl-għaraq u d-demm tal-Feddej Divin.

Mhux b'għaġeb li f'din l-era ġdida nisranija, il-kult ta' San Ġorġ infirex bħal mewġa ħafifa ma' l-artijiet insara tal-Orjent u l-Occident. San Ġorġ kien martri glorjuż ta' Kristu, il-fdalijiet qaddisa tiegħu kienu jinsabu fl-art ixxurtjata tal-Palestina u l-'egħġubijiet' li seħħew fil-martirju tiegħu kienu fuq fomm il-pellegrini li wara ż-żjara tagħhom fl-Art Imqaddsa kienu reġgħin lura f'art twelidhom. Mhux b'għaġeb li Diospoli fil-Palestina, fejn kien jinsab il-qabar ta' San Ġorġ, saret ċentru kbir ta' pellegrinaġġi. Mhux b'għaġeb, dan, aktar u aktar fid-dawl tal-"ħwejjeġ ta' l-għaġeb" li kienu qed jitwettqu f'dan is-santwarju, kif jistqarr id-djaknu Teodorus Perigeta fis-sena 530 wara Kristu[10]

Dwar il-kult ta' San Ġorġ sa mill-martirju tiegħu għandna xhieda epigrafika, ikonografika, arkeoloġika, liturġika u patristika[11] Din ix-xhieda, apparti l-istess qabar tal-Martri, teħodna lura fl-istorja sa madwar 50 sena biss fuq il-mewt tiegħu. Fi kliem ieħor (neċessarjament ridott), il-qima lejn San Ġorġ li bdiet ma' mewtu, l-iskrizzjonijiet li kienu jeżistu ftit snin biss wara d-difna tiegħu, il-fdalijiet arkeoloġiċi u monumentali li għadna nistgħu narawhom u tant fatturi oħra jiġġustifikaw, biex ngħidu hekk, **il-qima li l-Knisja Universali, kemm ta' l-Oċċident kif ukoll ta' l-Orjent, tagħti lil San Ġorġ Megalomartri,** li tiegħu l-Belt ta' Ruma u l-Gżejjer Maltin fis-sentejn li għaddew għamlu ċelebrazzjonijiet ċentenarji.

## IL-QIMA F'GĦAWDEX

Din is-sena, bħal fis-snin imgħoddija, il-Knisja f'Għawdex ser tissokta tingħaqad mall-kult universali u dejjem ġdid lejn San Ġorġ biċ-ċelebrazzjonijiet solenni li, ta' kull sena, isiru fil-Belt Victoria f'ġieħ il-Qaddis Patrun ta' art twelidna.

Il-bidu tal-qima lejn San Ġorġ f'Għawdex hu mbiegħed wisq fl-istorja turmentata ta' gżiritna biex illum nistgħu nidentifikawh f'data preċisa. Imma fatturi storiċi, ġeografiċi u ekkleżjali jindikawh **fiż-żmien li fih xterdet il-qima lejn San Ġorġ fil-komunitajiet insara ta' madwar il-baħar Mediterran.** Dan ifisser li l-qima li l-Knisja f'Għawdex tagħti lil dan il-Patrun tagħha u l-patroċinju li hi tgawdi f'dan il-Protettur Setgħan imorru lura fiż-żmien għal aktar minn elf u ħames mitt sena.

**Illum li gżiritna, bħall-artijiet l-oħra tad-dinja, għaddejja mit-tiġrib tal-kultura moderna li trid tbarri lil Alla u l-Knisja mill-qalb tal-bnedmin u mill-organiżmu tas-soċjetà, neħtieġu aktar minn qatt qabel il-patroċinju u l-protezzjoni ta' San Ġorġ Martri.** Ejjew ilkoll inwiegħbu għas-sejħa li għamlilna Mons. Isqof N. Cauchi fl-ittra pastorali tiegħu fl-okkażjoni tal-festi ċentenarji tas-sena li għaddiet u **nagħmlu ħilitna biex insiru nixbhu lil San Ġorġ fil-qdusija partikolari tiegħu.** Ejjew ningħaqdu mall

*jkompli f'paġna 7*

## *Editorjal*

# Murtali, Baned u . . . Vari

Matul dawn ix-xhur sħan tas-sajf, l-irħula w l-ibliet kollha ta' Malta u Għawdex f'xi Ħadd partikulari jkunu jiċċelebraw u jqimu l-patrun jew patruna tal-parroċċa tagħhom. Il-popolarità tal-festi lokali hi karatteristika ħelwa tal-poplu tagħna u kull waħda hija meqjusa bħala avveniment ferm importanti fil-kalendarju parrokkjali. Jum il-festa suppost li hu jum ta' ferħ, jum li jgħaqqad il-poplu tal-pajjiż. Imma x'insibu? Piki bejn il-każini, ġlied kliem ħażin, u affarijiet oħra bħal dawn li jmorru kontra l-ispirtu nisrani.

Primarjament il-festa tal-patrun bħal żmien il-Milied u l-Għid - trid tkun okkażjoni fejn wieħed idur dawra miegħu nnifsu u jara jekk hux qed jgħix kif għandu jkun, jekk hux qed jaqdi dmirijietu lejn Alla, lejn il-familja, lejn is-soċjetà. Bi swied il-qalb tisma' f'dawn il-jiem min jibda' jitkellem kontra dak u kontra l-ieħor għax iżomm ma' qaddis ieħor Meta ma ssibx ukoll li waqt li qed jirsistu biex jonoraw lil pattun bit-tiżjin u l-armar, lill-istess paturn iżebilhuh bi kliem ħażin . . dan kollu għax xi ħaġa tmur ħażin. Dan li jiġrilna! M'aħniex nilħqu l-iskop prinċipali tal-festi. Il-baned, il-briju, il-murtali huma parti mill-festa imma MHUX HUMA l-qofol tal-festa.

Ċerti parroċċi, b'inizzjattiva tal-kumitati tagħhom, dan l-aħħar bdew drawwa ferm sabiħa fejn għal żmien il-festa jippreparaw programm biex il-festa tkun ta' kulħadd, morda, anzjani, għaqdiet, tfal, u żgħażagħ. B'hekk kull settur jista' jintlaħaq. F'parroċċi oħra nsibu li jiġu ċċelebrati s-Sagramenti fil-ġranet tan-novena. Dawn l-idejat nobbli huma li jsebbħu l-festa tagħna u jressquna aktar qrib ta' Alla.

X'se nagħmlu dis-sena fil-festa? Nersqu lejn il-qrar u t-tqarbin u waqt li nifirħu bil-qaddis, niftakru li dawn f'ħajjithom imxew fuq il-passi ta' Kristu u l-knisja tpoġġihomna biex nimitawhom. U kif huma mxew qabilna wara Ġesù aħna, bil-għajnuna tagħhom nagħmlu bħalhom.

# Il-KOR LAUDATE PUERI Fil-Mużew tal-Katidral fl-Imdina

*Anybody who goes to Sunday Mass at St. George's Basilica in Victoria, Gozo, cannot fail to be struck by the singing during the 11 o'clock Mass. This is provided by a small choir of female voices, the* **Laudate Pueri** *choir, that is the resident choir of the Basilica . . . Mro. Joseph Vella has invited (the choir) to take part in the concert of German-Maltese music.*

***Cecilia Xuereb The Sunday Times 19/5/85***

*The evening's revelation was undoubtedly the* **Laudate Pueri Choir**. *This resident choir of St. George's Basilica, Victoria, Gozo, made their debut at these concerts and left a markedly good impression. They. . . exude great discipline and dedication (and the)* **Missa Brevis,** *like the preceding work (Psalm 52) was a delight from beginning to end.*

***Albert G. Storace The Times 30/5/85***

Fl-okkażjoni tat-tifkira ċentenarja tat-twelid tal-Bach, Handel u Schutz, il-German-Maltese Circle (Malta) flimkien ma' l-Ambaxxatra tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja riedu jagħtu bixra speċjali lill-Kunċert ta' Mużika Ġermaniża u Maltija li ta' kull sena jorganiżżaw bil-koperazzjoni tal-Mużew tal-Katidral tal-Imdina u bil-kordinazzjoni ta' Mro. Joseph Vella.

F'dan il-Kunċert ħadu sehem bħas-soltu l-aħjar solisti ta' Malta, u hawnhekk ta' min isemmi b'tifħir lil Maria Frendo (soprano) u oħtha Antoinette (alto) mill-Parroċċa tagħna, li ta' sikwit narawhom jagħtu **sehemhom** fil-Bażilika tagħna. Però l-attrazzjoni tal-Kunċert din is-sena kien il-Kor 'Laudate Pueri' li ġie mistieden ikanta żewġ xogħlijiet ta' Mro. J. Vella: **Salm 52** u l-**Missa Brevis** it-tnejn 'a quattro voci eguali".

Il-Kor ħareġ bl-unuri kollha minn dan il-Kunċert u kif intqal tant tajjeb minn uħud mill-kritiċi preżenti għal din is-serata, "kien ir-rivelazzjoni tal-Kunċert". Fi tmiem il-programm kien hemm applawsi twal għat-tfal tagħna, waqt li minn fomm għall-ieħor kienet tinħass għaddejja minn taħt l-ilsien il-kelma "Bravi".

Il-Kor 'Laudate Pueri' ġie ffurmat madwar disa' snin ilu b'inizjattiva tas-Seminarista Joseph Farrugia. Fl-1977 Fr Farrugia ħalla l-Kor f'idejn is-Sem. George Frendo li għadu jmexxih sallum. Sa mill-bidu tal-kor, l-organista kienet Maria Frendo li, fl-assenza ta' Fr Frendo, mhux biss tissokta ta' kull ġimgħa bil-provi tal-kant imma wkoll tmexxih waqt il-funzjonijiet fil-knisja.

Ta' kull sena dan il-kor - li hu wieħed miż-żewġ korijiet li jagħtu sehem liturġiku fil-Bażilika - jieħu sehem fil-funzjonijiet kbar tal-Bażilika permezz ta' kant polifoniku u bl-akkumpanjament tal-orkestra,





# SAN ĠORĠ FIL-GŻIRA T

**Id-devozzjoni u l-popolarità li kiseb il-Martri ta' Kristu San Ġorġ xterdet ma' l-erbat irjieh tad-dinja. L-imħabba u l-fiduċja f'dan il-qaddis xegħlet minn fuq qabru stess min-nies li kienu jafuh personalment u li saħansitra rawh jieħu l-martirju għall-fidi ta' Kristu. Anke fil-Gżejjer Maltin din id-devozzjoni daħlet, ixxettlet u rabbiet l-egħruq tagħha.**
**Ħadd ma jaf kif u meta daħlet f'Malta d-devozzjoni lejn San Ġorġ. L-anqas ħadd ma jaf meta nbnew l-ewwel knejjes f'ġieħu. Nafu biss li mal-medda tas-snin dan il-qaddis ġibed l-ammirazzjoni tagħna l-Maltin u minn żmien għal ieħor ġie oħorat bit-twaqqif ta' knejjes żgħar u kbar, artali ddedikati lilu, soċjetajiet, postijiet, triqat u pjazez ġew imsemmija għalih.**

## SAN ĠORĠ TAL-WARDIJA

Bosta snin qabel il-miġja tal-Kavallieri f'Malta, bosta postijiet li minnhom kienu jagħmlu l-għassa d-Dejma magħrufa bħala posot kienu jingħataw isem. Fost dawn insibu wħud fuq Ġebel Ciantar fuq ir-riħ tal-Wied jew irdum Hurrieq. Dan il-post ta' għassa għadu sal-lum iġib l-isem ta' "Il-Wardija" ta' San Ġorġ". Dan kien post stateġiku bħall-oħrajn kollha mnejn id-Dejma kienet tosserva l-movimenti li jsir f'dawk l-inħawi.

## SAN ĠORĠ TA' GĦAR LAPSI

Fuq ir-riħ tal-Fawwara u fuq ir-riħ ta' Għar Lapsi kien hemm ukoll posot oħra tal-għassa u hawn ukoll niltaqgħu ma' żewġ knejjes ta' San Ġorġ, waħda magħrufa bl-isem ta' Għar Lapsi li Mons. Dusina żar fl-1575 u fiha sab li fil-jum tal-festa jsir l-għasar u quddiesa.

## SAN ĠORĠ TA' GĦAJN LOK

Fil-Fawwara, fil-post magħruf bl-isem ta' Għajn Lok, għad hemm sal-lum knisja ta' San Ġorġ troglodita mħaffra bil-blat. Hugh Braun jemmen li din taf il-bidu tagħha fiż-żmien ir-Rumani. Quentin Hughes igħid li din il-knisja taf il-bidu tagħha fi żmien l-Għarab jew in-Normanni. Hi żgur waħda mill-eqdem knejjes dedikati lil San Ġorġ f'dawn il-Gżejjer. Sal-lum in-nies tas-Siggiewi għadhom jafuha bl-isem "Ta' Girgi". Il-post fejn hi din il-knisja hu għoli u aktarx kien iservi bħala post ta' osservazzjoni.

## SAN ĠORĠ TA' ĦAŻ-ŻEBBUĠ

F'Ħaż-Żebbuġ ukoll kienet tinżamm l-għassa billi kien f'nofs it-triq li mill-Port il-Kbir twassal għal belt Melita u l-Imdina. Donnu kull fejn kien hemm l-għassa kien hemm San Ġorġ ukoll. Insibu li hawn ukoll kien hawn knisja ta' San Ġorġ u li Mons. Duzina kien żarha u sabha għadha kif ġiet restawrata u li fil-festa kien isir l-għasar u quddiesa.

## SAN ĠORĠ TA' ĦAL QORMI

F'din il-belt kienet tinżamm l-għassa wkoll billi kien qrib sewwa tal-Port il-Kbir u ftit bogħod mill-Marsa. Hawn barra l-Knisja parrokkjali kienu jinstabu żewġ knejjes oħra f'ġieħ San Ġorġ, waħda msejħa tal-Kortil. Mons. Dusina kien żarha wkoll din il-knisja. Din il-knisja ġħabet fl-1780. Dwar fejn kienet tinsab l-oħra ħadd ma jaf, biss hija msemmija minn xi kittieba.
Il-Parroċċa ta' Ħal Qormi li għadha wieqfa sal-lum, dedikata lill-Martri San Ġorġ, illum iġġib it-titlu ta' Arcimatriċi, u ma jistax jonqos meta l-bidu tagħha hu mitluf fiż-żmenijiet imbiegħda. Fil-Medjuevu ġa kien hemm knisja f'ġieh San Ġorġ bir-rettur tagħha jservi bħala viċi kappillan tal-Kattidral. Fis-sena 1436 l-Isqof Senatore De Mello ħatar din il-knisja parroċċa, li tiġi t-tielet waħda ta' Malta, għalkemm Ferris igħid li hi r-raba' waħda.
F'ħal Qormi nsibu wkoll l-Banda San Ġorġ mwaqqfa fl-1893.

## SAN ĠORĠ TAL-MARSA

Fil-Marsa kienet tinżamm l-għassa wkoll. U dan ma jistax jonqos meta dan il-post hu tant viċin, anzi jmiss mal-Port il-Kbir. Hawn ukoll nsibu li fiż-żmien tan-Nofs kien hemm knisja f'ġieh San Ġorġ. L-idea li fejn kien hemm l-għassa hemm San Ġorġ
tidher ċara billi, tista' tgħid, f'kull posot [...]
qaddis.

## SAN ĠORĠ FIR-RABAT

Fir-Rabat wkoll sa żmien Dusina kienet t[...]
wieqfa qrib dik ta' S. Anton Abbati u dik [...]
Fir-Rabat insibu tifkiriet oħra ta'San Ġor[...]
ta' San Pawl fil-Parroċċa tar-Rabat hem[...]
Ġorġ. Anke fil-Knisja ta' Sant'Agata fir-[...]
Dr. Paul Cassar fil-"Melita Historica" jse[...]
oħra ta' San Ġorġ bil-wieqfa fuq id-drag[...]

## SAN ĠORĠ FIŻ-ŻURRIEQ

Anke fiż-Żurrieq kienet tinżamm l-għassa [...]
San Ġorġ hawn. Iżda fil-knisja medjevali [...]
Ġorġ graffiti u żewġ affreski ta' l-istess [...]

## SAN ĠORĠ F'ĦAL GĦAXAQ

F'Ħal Għaxaq, dari limiti taż-Żejtun, kie[...]
knisja ta' San Ġorġ qrib dik ta' Santa Ma[...]
tal-festa jsir l-għasar u quddiesa. Din il-k[...]

## SAN ĠORĠ F'BIRŻEBBUĠA

F'Birżebbuġa nsibu li kienet issir l-għassa [...]
tajba għall-iżbark tax-xwieni. Il-Bajja ta' S[...]
ssemmitx hekk għalxejn u bdiet iġġib da[...]
li hemm llum imbniet fis-seklu sbatax flo[...]
Ordni kienu jkunu sejrin lejn it-taqbid, qa[...]
fiha. Ta' kull sena mill-Matriċi taż-Żurrie[...]
f'din il-knisja b'wiegħda, b'tifkira ta' m[...]
Sant'Agata dehru fuq is-swar ta' l-Imdin[...]

## SAN ĠORĠ FIŻ-ŻEJTUN

Fiż-Żejtun ukoll kien hemm l-għassa u ha[...]
San Ġorġ f'Ta Gadir. Fl-1575 Mons. D[...]
quddiesa nhar il-festa.

## SAN ĠORĠ FIL-BIRGU U F'BORM[...]

'Il barra mis-swar tal-Birgu, f'parti minn [...]
quddiem il-bieb prinċipali tal-Birgu, kien [...]
Dusina, din il-knisja, kien semmieha wk[...]
Il-Banda ta' Bormla li ġġib l-isem ta' Ba[...]
sena din il-banda fost attivitajiet oħra, tie[...]
tal-Belt Bormliża.
F'din il-belt insibu t-team tal-football, tea[...]

## SAN ĠORĠ FIL-GŻIRA

Fuq il-gżira żgħira msejħa ta' l-Isqof, illu[...]
Marsamxett kien hemm kappella ċkejk[...]
xejn minnha. Bħala tifkira fil-Parroċċa [...]
hemm kwadru ta' San Ġorġ xogħol il-pitt[...]
Preti f'San Ġwann.

## SAN ĠORĠ F'BIRKIRKARA

F'Birkirkara fuq ir-riħ ta' l-Imsida fil-post [...]
kien għad hemm wieqfa knisja ta' San Ġ[...]
sew fejn kienet, iżda li fl-1575 kienet ġa m[...]
dik ta' l-Assunta tinsab fil-Parroċċa ta[...]

# A' MALTA *kitba ta' Ġorġ Borg*

kien hemm xi ħaġa konnessa ma' dan il-

instab knisja f'ġieħ San Ġorġ. Din kienet
tal-Qaddisin kollha fl-inħawi tas-Saqqaja.
ġ. Finacchiaro igħid li fl-1656 fil-Kappella
n miżmuma biċċa mill-istendard ta' San
Rabat ukoll, instabu relievi ta' San Ġorġ.
mmi xbieha ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel u
un.

a. Ma nstabx li kien hemm xi knisja f'ġieħ
ta' Ħal Milieri hemm tlett xbiehat ta' San
qaddis kull naħa tal-bieb kif tidħol.

n hemm il-post tal-għassa u naturalment
rija. Dusina kien zarha u sab li fiha fil-jum
knisja kienet diġa għabet fl-1780.

wkoll u ma jistax jonqos meta hemm bajja
San Ġorġ bl-istess isem li ġġib sal-lum, ma
n l-isem ferm fl-antik. Il-knisja ta' San Ġorġ
k oħra eqdem.
bel jitilqu kienu jmorru jisimgħu l-quddies
q kienet toħroġ purċissjoni votiva li tmur
eta, kif jingħad, San Pawl, San Ġorġ u
a fl-Assedju tal-1429

wn ukoll sal-1780 kien hemm knisja f'ġieh
Dusina żar din il-knisja u sab li fiha ssir

**LA**

Bormla li qabel kienet tagħmel mal-Birgu,
hemm wieqfa knisja ta' San Ġorġ. Mons.
oll fil-Visita Pastorali tiegħu.
nda San Ġorġ ġiet imwaqqfa fl-1862. Kull
u sehem fil-festa tal-Kunċizzjoni, patruna

m antik li jġib l-isem ta' St. George's F.C..

n il-gżira Manoel, li hemm f'nofs il-Port ta'
na dedikata lil San Ġorġ. Illum ma baqa'
tal-Gżira, li magħha jagħmel dan il-post,
ur Ganni Vella li hu kopja ta' dak ta' Mattia

dari magħruf bl-isem "Il-Maqtugħ" fl-1647
rġ. Barra din kien hemm oħra li ma nafux
ġarrfa. L-ikona ta' din il-knisja flimkien ma'
' Birkirkara. Din il-knisja antika tidher
riprodotta fuq mapep tas-seklu sbatax u tmintax.

**SAN ĠORĠ 'IL ĠEWWA MINN SAN ĠILJAN**

Id-daħla 'l ġewwa minn san Ġiljan, liema waħda kien ankra fiha Dragut meta wasal Malta għall-Assedju l-Kbir kienet u għada ġġib l-isem tal-Bajja ta' San Ġorġ. F'din il-bajja nsibu li kien hemm knisja dedikata lil dan il-qaddis.

**SAN ĠORĠ FIL-MOSTA**

Fl-inħawi tal-Mosta kien hemm ukoll għassa biex tishar fuq din il-wita li hemm. Skond xi kittieba kien hemm ukoll f'xi żmien knisja ddedikata lil San Ġorġ.

**SAN ĠORĠ TAL-WARDIJA**

Fuq ir-riħ ta' Burmarrad u San Pawl il-Baħar kien hemm ukoll post tad-Dejma u sal-lum għad hemm wieqfa knisja ta' San Ġorġ. Dik tal-lum imbniet fis-seklu sbatax. Skond A. Ferris din il-knisja hi benefikat ta' ġuspatronat antik. Il-kwadru titulari xogħol ta' Falzon jirrappreżenta l-qtugħ ir-ras ta' San Ġorġ.

**SAN ĠORĠ FIL-MELLIEĦA**

Fil-Mellieħa għan-naħa ta' wara tal-mitħna u qabel il-mitħna l-Maħruqa kien hemm għassa. Qrib kien hemm knisja ta' San Ġorġ qadima bi sħiħ. Dusina żarha, iżda ħlief isimha ma ħallielna xejn tagħrif dwarha.

**SAN ĠORĠ FIL-BELT VALLETTA**

Il-Belt Valletta taf il-bidu, il-bini u s-sura lill-Kavallieri ta' San Ġwann li, wara l-Assedju l-Kbir, taħt it-tmexxija tal-Gran Mastru La Valette, dritt taw l-irkaptu biex jibnu belt qawwija biżżejjed li tiflaħ għall-attakki tal-għedewwa. Sa minn qabel ma meddew riġlejhom fuq il-Gżira, il-Kavallieri kellhom devozzjoni kbira lejn San Ġorġ u bosta postijiet li okkupaw inħatru taħt il-protezzjoni tiegħu. Din il-ħeġġa lejn dan il-qaddis ġabuha magħhom u żammewha ħajja f'kull okkażjoni.

La Valette, il-fundatur tal-Belt Valletta kellu devozzjoni kbira lejn San Ġorġ tant li r-relikwija, biċċa minn id San Ġorġ, f'ostensorju sabiħ kien irranġat u mgħoni b'ħaġar prezzjuż minn dan il-Gran Mastru. Dan ried li l-bieb prinċipali tal-belt il-ġdida u s-sur li hemm miegħu jġibu l-isem ta' dan il-qaddis sa minn qabel ma bdew jimbnew. Dan il-bieb tal-belt u s-sur taw l-isem ta' San Ġorġ lit-triq prinċipali wkoll li llum ġġib l-isem ta' Triq ir-Repubblika. Fl-1571 din it-triq ġa kienet qed titniżżel b'dan l-isem fl-atti notarili. Fil-pjanta ta' Antonio Lafrey li saret fl-1566 il-Bieb tal-Belt kien diġa jismu Porta San Giorgio. Anke il-Pjazza tal-Palazz bdiet iġġib dan l-isem. Kien imbidel taħt il-ħakma Franċiża u anke taħt l-Ingliżi. Iżda llum dan il-misraħ reġa' ħa l-isem oriġinali tiegħu, Misraħ San Ġorġ.

Il-Gran Mastru La Cassiere, bennej tal-Knisja Konventwali ta' San Ġwann, ried li waħda mill-kappelli tiġi ddedikata lil San Ġorġ. Tlestiet fl-1575. Il-kwadru antik tagħha ta' San Ġorġ illum jinsab fis-sagristija. Fit-13 ta' Frar 1603 din il-kappella ġiet assenjata lill-lfergħa tal-Kavallieri ta' Aragona, Emposta, Katalonja u Novarra. Mattia Preti meta ġie nkarigat bi-xogħol tal-pittura tal-knisja kollha, bħala xempju, pitter il-kwadru ta' San Ġorġ li llum jinsab f'din il-kappella. Gran Mastri u Kavallieri sebħu u għanew din il-kappella f'ġieħ San Ġorġ.

L-Ordni kellha irdott ta' San Ġorġ mibni fl-1750 mill-Gran Mastru De Redin. Il-Gran Mastru Alofju de Wignacourt fl-1610 bena t-Torri San Ġorġ. L-Ordni kellha wkoll żewġ xwieni bl-isem ta' San Ġorġ li nsibuhom jissiltu fl-1606 u 1721.

Fil-Belt Valletta nsibu wkoll il-Każin St George and Overseas. Dan għandu s-sede tiegħu tagħti għal fuq Triq ir-Repubblika.

**Bosta toroq u postijiet f'ħafna nħawi ta' Malta ħadu dan l-isem ħlejju ta' San Ġorġ. Dan juri d-devozzjoni qawwija u kbira li kellhom missierijietna lejn dan il-qaddis li f'kull tribulazzjoni u gwaj fih raw il-protettur u d-difensur tagħhom. F'ismu tqabdu u lejh irrikorru fil-flaġelli u fiż-żmenijiet diffiċli. Flokha, issa u dejjem, għalhekk tibqa' l-għajta: "San Ġorġ Dejjem Ħarisna"**


*REFERENZI*

*John Bezzina "San Ġorġ Dejjem Ħarisna".*

# L-EWWEL KNEJJES MEQJUMA LIL SAN ĠORĠ

*mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap*

F'din il-kitba sejjer nillimita ruħi minħabba n-nuqqas ta' wisa'. Hemm bil-bosta x'wieħed jikteb dwar il-qima li kiseb San Ġorġ "il-Megalomartri" fil-knejjes mal-medda taż-żmenijiet. Mons. Dante Balboni (li rajnieh u kellimnih meta ha sehem fil-festi Ċentinarji ta' San Ġorġ tas-sena l-oħra 1984) kiteb: "Forsi l-ebda qaddis ma ġabar ħafna qima popolari daqs San Ġorġ u xhieda ta' dan huwa dak in-numru kbir ta' knejjes meqjuma lill-Ismu".

Minn ta' l-ewwel knejjes li twaqqfu lil San Ġorġ kienet il-Bażilika mibnija minn Kostantinu l-kbir qrib il-mewt tal-Qaddis Prinċep Martri Ġorġi. Il-fdalijiet ta' din il-Bażilika għadhom jidhru sal-lum.

Is-Santwarju mibni fuq il-qabar ta' San Ġorġ f'Lydda (Diospolis) huwa post ta' bosta pellegrinaġġi sa mis-seklu IV.

L-ikbar prova li tikkonferma l-qedem tal-kult lejn San Ġorġ hija l-famuża epigrafi misjuba f'Aaccaeca ta' Betanja mill-istoriku Delahaye fejn wara li studjaha bir-reqqa qal li din ġiet minquxa madwar is-sena 368. Din l-epigrafi kienet titkellem fuq Dar tal-Qaddisin u Trijonfanti Ġorġi u sħabu.

Sa mis-seklu 4 San Ġorġ kien meqjum fid-Diospolis fil-Palestina, fejn kien hemm knisja ddedikata f'ismu u l-kult tiegħu ilu li xtered fil-Lvant u l-punent minn żmien qadim ħafna.

Il-knisja ta' San Ġorġ fit-Tessalonika hija maħsuba minn xi kittieba magħrufa li tmiss mar-raba' seklu.

Fi Franza fis-sena 518 Clovis bena f'Baralle monasteru għal ġieh ta' San Ġorġ.

Ġewwa Ruma l-qadima nsibu wkoll l-eqdem knisja ta' San Ġorġ li hija l-Bażilika-Djakonali ta' San Giorgio al Velabro. It-tagħrif storiku li jagħti l-Patri Federico di S. Pietro dwar din il-knisja jgħid li għandha bidu sa mis-seklu IV. Dan l-istoriku jkompli jgħarrafna li dan it-tempju ġewwa Ruma seta' kien ġie mibni qabel il-mewt ta' Kostantinu qabel is-sena 337

F'Ġerusalem fis-seklu VI nbena monasteru u knisja lil San Ġorġ. Dan nafuh minn epigrafi qadima.

F'Ġeriko fis-seklu VI kien ġie meqjum maqdes lil San Ġorġ. San Giorgio Maggiore ta' Napli mibnija mill-Isqof Severo fit-tmiem tas-seklu V fuq il-fdalijiet ta' tempju lil Demetra, meqjum lis-Salvatur u wara lil San Ġorġ fil-qima li kiseb fis-seklu VII u VIII minn napolitani lejn dan il-gwerrier qaddis meta l-Longobardi ħabtu għall-belt. Fil-qedem kienet magħrufa San Giorgio al Foro u hija msemmija fost l-erba' bażiliċi Maġġuri

Mill-kapitali biżantina l-kult lejn San Ġorġ xtered dritt f'Ferrara (ca 657) fejn ġie magħżul patrun ta' dik il-belt primittiva u wara ħadu relikwi tiegħu fil-kattidral il-ġdid (1110-35).

Minn dan il-ftit li ktibna dwar l-ewwl knejjes ta' San Ġorġ, meqjuma dritt wara l-martirju tiegħu, wieħed jista' jara l-qima li kibret u tferrxet mas-sekli kollha.

# Dehra Ġdida tal-Faċċata tal-Każin tal-Banda La Stella




Il-Mijiet kbar ta' Maltin u Għawdxin li din is-sena jinzertaw fil-belt Victoria, matul il-ġimgħa festi f'ġieħ il-qaddis patrun, San Ġorġ Martri (13-21 ta' Lulju) żgur li jibqgħu impressjonati bid-dehra ġdida li ħadet minn ftit taż-żmien l'hawn il-faċċata tal-każin tal-Banda La Stella fi Triq ir-Repubblika.

Din il-faċċata, mibnija fuq stil klassiku, ħadet dehra tabilħaqq imponenti wara li dan l-aħħar tlestew xi xogħlijiet oħra fuqha. F'dawn l-aħħar ġimgħat sar ix-xogħol kollu ta' tikħil u invjar, ġie mqiegħed 'railing' tal-ħadid mall-gallerija (xogħol immartellat maħdum bl-idejn mid-Ditta Falcon Forge tan-Naxxar), tpoġġew tlett busti ta' mużiċisti magħrufa (G. Verdi, N. Isourd, L. Beethoven) - xogħol ta' Joseph Sagona, u twaħħal isem is-Soċ. Fil. La Stella b'ittri stil Ruman fil-frieze li kien hemm maħsub għalih.

Dawn ix-xogħlijiet trasformaw għal kollox din il-faċċata u tawha dehra mill-iktar eleganti u sinjorili.

Id-Disinn tal-faċċata huwa tas-Sur Frank Portelli ta' Studio Portelli (Valletta) waqt li mertu kbir fix-xogħol li twettaq fuqha, partikolarment minn sena l'hawn għandu is-Sur Frank Mizzi, membru attiv fil-Kumitat tal-Banda, li ddedika ħafna mill-ħin tiegħu għal dan il-proġett. Il-kostruzzjoni tal-ġebla saret mill-imgħallem Għawdxi Joseph Vella mix-Xewkija.

Aktar xogħol dekorattiv mistenni jitkompla fuq din il-faċċata wara l-Festa ta' San Ġorġ.

*TAJT SEHMEK GĦALL-FESTA?*
***Bħala Ġorġjan qis li ma tibqax lura.***
**Din hija l-Festa TIEGĦEK.**
**Għin mill-aħjar li tista'**

# SAĊERDOT NOVELL



Din is-sena wkoll, għall-grazzja t'Alla il-Parroċċa tagħna messitha x-xorti sabiħa li tara wieħed minn uliedha jirċievi s-Sagrament tal-Ordni Sagri. Dan huwa ż-żagħżugħ Renato Sammut, li ma setaxjagħżel mod aktar dinjituż biex biħ ifakkar din is-Sena Internazzjonali taż-Żgħażagħ.

Renato Sammut twieled fl-10 ta' Marzu 1960 fil-belt Victoria. Hu ħa l-edukazzjoni primarja u sekondarja fl-iskejjel tal-Gvern, Victoria. Fl-età ta' 16-il sena daħal fis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù biex jibda l-kors ta' formazzjoni għas-saċerdozju. F'nofs il-kors, fis-sena msejħa "intermedjarja", Renato siefer lejn l-Italja, fejn f'Ruma għamel esperjenza ta' gwida tat-turisti fil-Katakombi ta' San Callisto.

Wara din is-sena ta' esperjenza f'Ruma, li għenitu jagħraf aħjar is-sejħa tiegħu, l-aktar bil-kuntatt li kellu man-nies minn pajjiżi diversi, reġa' lura s-Seminarju biex ikompli l-aħħar tlett snin ta' teoloġija. Matul dan iż-żmien hu rċieva żewġ ministeri mill-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi: Il-Ministeru tal-Lettorat (28 ta' Novembru 1982), u l-Ministeru tal-Akkolitat (28 ta' Diċembru 1983). Ġie ordnat djaknu fis-26 ta' Mejju 1984.

Renato ġie ordnat saċerdot nhar is-Sibt 22 ta' Ġunju, 1985 u ser jiċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni fil-Bażilika ta' San Ġorġ Martri nhar il-Ħadd 14 ta' Lulju 1985.

Flimkien ma' Dun Renato Sammut tlett żgħażagħ oħra ġew ordnati saċerdoti għad-djoċesi t'Għawdex din is-sena. Dawn huma Dun Marcel Tabone (Victoria Parroċċa Katidral), Dun Renato Borg (Sannat) u Dun Ingatius Borg (Xagħra).

**Lilhom ilkoll nirifħulhom u nixtiqulhom Ad Multos Annos.**

*jaqbad min paġna 2*

Knisja Universali fit-talba liturġika li hi tagħmel lil Alla fil-jum tat-tifkira ta' San Ġorġ sabiex **aħna, bnedmin dgħajfa, ikollna dejjem il-għajnuna f'waqtha ta' San Ġorġ** u sabiex fl-aħħar jum nissieħbu miegħu fil-qawmien u l-glorja li Alla ħejja għal dawk li jħobbuh.

*RIFERENZI*


1 *Cf. BALBONI D., in* **Bibliotheca Sanctorum** *VI, Roma 1965, col. 517*

2 *Sa mill-bidu, l-Orjent qies lil San Ġorġ bħala* **Megalomartyr Tropaiophores,** il-qaddis li jippersonifika r-rebħa fuq il-għadu.

3 *Cf. BALBONI, op.cit.,* col.518-519.

4 *Cf. THURSTON H., in* **The Catholic Encyclopedia,** N.Y. 1910, p.454.

5 *Cf. BUDGE W.E.A,* **George of Lydda,** *London 1930, pp.31-33.*

6 **Ibid.**,*p.14*

7 *"Nos tamen cum predicta Ecclesia (Romana) et omnes martyres et eorum gloriosos agones, qui Deo magis quam hominibus noti sunt, omni devotione veneramur." DENZINGER-SCHÖNMETZER 165/353.*

8 *Cf. BALBONI,* **op.cit.,***col.513-514.*

9 *Cf. De VORAGINE J.,* **The Golden Legend (Legenda aurea),** *N.Y. 1969. p.232.*

10 *"In Diospolim, ubi sanctus Georgius martyrizatus et, ibi et corpus eius est et multa mirabilia fiunt." Cf. BALBONI,* **op.cit.,** *col.512.*

11 *Nittamaw li 'l quddiem ikollna l-opportunità niktbu fit-tul dwar din ix-xhieda.*


*BIEX JIBQGHU MIFTAKRA GHAL DEJJEM*
**IL-FESTI STRAORDINARJI**
**TAS-SBATAX-IL ĊENTINARJU MIT-TWELID TAL-MARTRI**
**SAN ĠORĠ**
**PATRUN TA' GHAWDEX**
LI SARU F'DIN IL-BAŻILIKA PROTO-PARROKKJALI
U FIL-BELT VICTORIA
***mis-6 sal-15 ta' Lulju 1984***
IMKABBRA
**BIL-MIĠJA GLORJUŻA FOSTNA**
MILL-BAŻILIKA DJAKONALI 'AL VELABRO' F'RUMA TA'
**R-RELIKWA MIRAKOLUŻA TAL-QADDIS MEGALOMARTRI**
IMFERRHA
BIS-SEHEM TA' MISTIEDNA DISTINTI
FOSTHOM L-EMINENZA TAGHHOM
**OPILIQ Kardinal ROSSI**
u
**CORRADO Kardinal URSI**
FOST IL-FERH ĠENERALI
ta'
**L-E.T. Mons. NIKOL G. CAUCHI**
ISQOF DJOĊESAN U DEKAN TAL-KAPITLU ĠORĠJAN
**IL-W.R. Mons. ARĊIPRIET EMANUEL MERCIECA**
IL-KAPITLU, IL-KLERU U L-POPLU

***Abbozz tal-Lapida Kommemorattiva li hemm il-hsieb li ssir fil-Bażilika Lateranensi ta' San Ġorġ biex tfakkar il-Festi Ċentinarji li nżammu s-sena l-oħra.***

# Maħtur Delegat Konfederali tas-Salesjani

Fr. Charles Cini S.D.B., Delegat Provinċajli tas-Salesjani għal Malta u Għawdex, għadu kif inħatar Delegat tal-Konfederazzjoni Dinjija tal-Past Pupils ta' Don Bosco. Il-ħatra tiegħu saret mir-Rettur Maġġur tas-Salesjani, Fr. Egidio Vigano S.D.B.

Fr. Cini, li huwa iben il-Parroċċa Bażilika ta' San Ġorġ, huwa l-ewwel Salesjan Malti li qatt okkupa kariga għolja bħal din fil-Kongregazzjoni Salesjana. Huwa se jħalli Malta f'Settembru li ġej biex jibda l-ħidma ġdida tiegħu mid-Dar Ċentrali tal-Komunità Salesjana f'Ruma.

Ix-xogħol ta' Fr Cini se jkun jinkludi l-kordinazzjoni ta' l-attivitajiet tal-Federazzjonijiet Nazzjonali fi 92 pajjiż. Huwa se jkollu f'idejh ukoll l-animazzjoni u l-organiżazzjoni tal-Moviment tal-Past Pupils, li huwa mifrux mad-dinja kollha.

Dan ix-xogħol jitlob minnu li jżur il-provinċji u l-Komunitajiet lokali f'diversi pajjiżi, u l-ewwel postijiet li diġa' għandu l-ħsieb li jżur din is-sena huma l-Irlanda, fejn se jinżamm l-Eurobosco '85, l-Ekwador, il-Kolumbja u l-Awstralja.

**Lil Fr Charles Cini, fil-waqt li f'isem il-Kumunità kollha tagħna nifirħulu ta' din il-kariga għolja li huwa ġie msejjaħ għaliha, nawgurawlu aktar ħidma fejjieda f'din l-opra Salesjana li huwa tant għandu għal qalbu.**


**ASTRA TOURS '85**
**Tour 2. ENGLAND & WALES (Military Tatoo)**
By air to London + coach Aug 5-14 H.B & B.B. **Lm270**
**Tour 3. LOURDES, PARIS, GENEVE etc**
by air to Lyons + coach Aug 20 Sept 1 F.B. **Lm330**
**Tour 4. OCTOBERFEST FESTIVAL, GERMANY — AUSTRIA**
by air to Munich + coach Sept 22-28 F.B. **Lm235**
Bookings **J. Portelli Ent.**
**St. John Street, Valletta Tel: 627016**
**Tour leader Tel: 551004**
Lic J/5

# Programm tal-Festi li ser jiġu ċelebrati fil-Belt Victoria f'ġieh
# SAN ĠORĠ MEGALOMARTRI — *Patrun t'Għawdex*
## *13 - 21 ta' Lulju 1985*

**Is-Sibt, 13 ta' Lulju:**
8.00 p.m.: German Maltese Concert taħt il-ħarsien tal-E.T. Mons Isqof Nikol Cauchi u tal-Ambaxxatur tar-Repubblika Federali tal-Germanja, l-E.T. Herr De Eberhard Schmitt.
Dan il-Kunċert qed jiġi organizzat mill-Ambaxxata Ġermaniża f'Malta bil-kollaborazzjoni tal-Ġerman-Maltese Circle u l-Kapitlu tal-Bażilika ta' San Ġorġ.

**Il-Ħadd, 14 ta' Lulju:** *Jum il-Vokazzjonijiet*
10.00 a.m. Quddiesa Solenni tas-Saċerdot Novell, Dun Renato Sammut. Qabel il-Quddiesa, il-Banda Ċittadina La Stella twassal b'daqq ta' marċi lis-Saċerdot Novell sal-Bażilika.

**It-Tnejn, 15 ta' Lulju:** *Jum il-Familja*
5.30 p.m. Quddiesa ta' Radd il-Ħajr mill-Kan. Ġużeppi Sacco f'egħluq il-25 sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu.
7.00 p.m. Quddiesa għall-Miżżewġin.

**It-Tlieta, 16 ta' Lulju:** *Jum iż-Żgħażagħ*
6.30 p.m.: Quddiesa għaż-żgħażagħ - ġuvintur u xebbiet tal-Parroċċa.
7.30 p.m. Ħruġ minn niċċa ta' l-Istatwa ta' San Ġorġ - l-ewwel statwa titulari t'Għawdex.

**L-Erbgħa, 17 ta' Lulju:** *Jum il-Morda*
4.30 p.m. Quddiesa għall-anzjani u l-morda tal-Parroċċa. Jiġi amministrat is-sagrament tal-Griżma tal-Morda. Tingħata tifkira lil dawk li jattendu.
6.30 p.m. Għasar bil-kant Polifoniku u Priedka mill-W.R. Patri Alfred Xerri O.F.M. Cap. Wara l-priedka, Innu, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
9.30 p.m. Dimostrazzjoni minn Pjazza San Franġisk bl-Istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-Żiemel bis-sehem tal-Banda 'La Stella'.

**Il-Ħamis, 18 ta' Lulju:** *Jum it-Tfal*
8.15 a.m. Konċelebrazzjoni b'suffraġju tal-membri tal-Komunità Parrokkjali li mietu matul din is-sena.
5.00 p.m. Quddiesa mill-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi għat-tfal kollha tal-Parroċċa. Premjazzjoni lill-aħjar tfal li jattendu ċ-Ċentru tad-Duttrina.
6.30 p.m. Għasar Kantat, Priedka u kollox bħall-jum ta' qabel.
9.30 p.m. Marċ mill-Banda 'La Stella' mat-toroq ta' madwar il-Bażilika.

**Il-Ġimgħa, 19 ta' Lulju:** *Jum il-Benefatturi u l-Emigranti*
8.15 a.m. Konċelebrazzjoni mill-Kapitolu tal-Kolleġġjatà għall-benefatturi ħajjin u mejtin.
5.00 p.m. Quddiesa għall-emigranti
6.00 p.m. Għasar, Priedka u kollox bħall-jumejn ta' qabel.
9.30 p.m. Dimostrazzjoni bl-istatwa ta' San Ġorġ bis-sehem tal-Baned "La Stella' u 'Victory' F'din l-okkażjoni l-banda 'La Stella' iżżanżan sett ġdid ta' marċi brijużi. Logħob kbir tan-nar fi Triq ir-Repubblika maħdum mill-Każin tal-Banda Lourdes (Qrendi).

**Is-Sibt, 20 ta' Lulju:** *Lejliet il-Festa*
8.15 a.m. Konċelebrazzjoni mill-Kapitolu għas-saċerdoti mejtin li ħadmu fil-Parroċċa. Kant ta' Te Deum bħala egħluq tat-Tridu.
9.00 a.m. Marċ brijuż mill-banda 'La Stella'.
5.30 p.m. Quddiesa li tissodisfa l-obbligu tal-Ħadd.
6.00 p.m. Marċ mill-Banda 'La Stella' mill-Każin sa Pjazza San Ġorġ.
6.30 p.m. Wasla ta' l-E.T. Mons Nikol Cauchi, Isqof Djoċesan u Dekan tal-Kapitolu Ġorġjan. Translazzjoni, Għasar Pontifikali mmexxi wkoll mill-E.T. Mons. Isqof flimkien mall-Kapitolu, kant tal-kompieta u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
8.00 p.m. Programm Mużikali fi Piazza San Ġorġ mill-Filar. "King's Own" tal-Belt Valletta. Jidderieġi Mro. Carmelo Caruana.
9.00 p.m. Marċ mill-banda 'Prekursur' u programm fit-Tokk mill-istess banda.
9.30 p.m. Marċ trijonfali mill-baned 'King's Own' u 'La Stella'. Iż-żewġ baned idoqqu l-marċi tagħhom flimkien bħala 'massed band' fil-bidu u t-tmiem ta' dal-marċ popolari.
12.00 a.m. Esekuzzjoni mill-banda 'La Stella' ta' l-innu "A San Giorgio" kapolavur ta' Mro. G. Giardini Vella bis-sehem ta' Tenur, Baritonu u Kor. Jidderieġi Mro Joseph Vella B.Mus. (Dunelm) F.L.C.M. Wara logħob kbir tan-nar fi Pjazza Sabina maħdum mill-Każin tal-Banda Lourdes (Qrendi).

**IL-ĦADD, 21 ta' LULJU:** *JUM I L-FESTA*
8.00 a.m. Il-Banda "King's Own" tilqa' b'daqq ta' marċi ferrieħa l-wasla ta' Mons Isqof Djoċesan.
8.15 a.m. Kant tat-Terza.
8.30 a.m. Konċelebrazzjoni Pontifikali Solenni mmexxija mill-E.T. Mons. Isqof t'Għawdex Nikol Cauchi Ph.D., Lic. Sc.Soc. Jinseġ il-Paniġierku l-W.R. Patri Vincenz Portelli O.P.
10.30 a.m. Marċ brijuż u popolari mill-Filar. "King's Own"
3.00 p.m. Il-Banda La Stella ixxandar fuq Cable Radio I is-sett ġdid ta' marċi tagħha.
3.30 p.m. Tiġrijiet kbar tal-bhejjem minn Malta u Għawdex. Jingħataw premijiet kbar.
6.15 p.m.. Għasar Solenni mmexxi minn Mons. Arċipriet Emmanuel Mercieca Prot. Apost. Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Marċi mill-baned 'Victory, 'Mnarja', u 'La Stella'
7.30 p.m. Tibda ħierġa l-Proċessjoni Pontifikali. Daqq ta' l-innu mmortali "A San Giorgio" mill-banda 'La Stella'.
8.00 p.m. Tibda timmarċja l-purċissjoni mmexxija mill-E.T. Mons. Isqof bis-sehem tal-Kapitolu Ġorġjan u ta' l-Ordnijiet Reliġjużi tal-Belt Victoria. Takkumpanja l-banda "La Stella" b'daqq ta' marċi u innijiet reliġjużi fosthom l-innu popolari "Lil San Ġorġ Martri" versi ta' Patri Akkursju Xerri, mużika ta' Mro. Vincenzo Ciappara.
8.15 p.m. Programm mużikali fit-Tokk mill-banda "Victory" u ieħor fi Pjazza San Ġorġ mill-banda "Mnarja".
10.15 p.m. Daħla trionfali ta' l-istatwa ta' San Ġorġ fil-Bażilika.
11.00 p.m. Il-Banda 'La Stella' tagħlaq dawn il-festi b'marċ brijuż.

---

*Il-Mużika fil-Bażilika tkun taħt id-direzzjoni ta' Mro Joseph Vella B.Mus (Dunelm) F.L.C.M., Maestro di Cappella.*
*Fil-jiem tat-Tridu jiġi esegwit l-innu 'Giorgi Miles Inclite', kompożizzjoni ta' Mons. Giuseppe Farrugia F'Jum il-Festa tiġi esegwita l-Quddiesa 'Mass in D Major'. kompożizzjoni ta' Joseph Vella.*
*L-Illuminazzjoni tkun tad-ditta Ġorġ Zammit (Qormi)*
*Nhar il-Festa jkun hemm quddies fil-Bażilika f'dawn il-ħinijiet: 4,00 a.m., 5.00 a.m., 6.00 a.m., 6.30 a.m., 7.00 7.30 a.m., 8.00 a.m. (Pontifikal), 9.00 a.m. u 10.00 fiċ-Centru Parrokkjali, 11.00 a.m., 12.00 p.m., 1.00. 4.00 p.m. u 5.00 p.m.*

***Minħabba fil-għadd kbir ta' ġitanti Maltin li mistennija jitilgħu Għawdex f'Jum il-Festa (Il-Ħadd, 21 ta' Lulju), il-Gozo Channel Co. Ltd. se tagħmel Extra Trip tard fil-għaxija mill-Mgarr saċ-Cirkewwa. L-aħħar trip minn Għawdex jitlaq mill-Mgarr fl-10.00 p.m. u l-'fare' ikun l-istess bħal dawk ta' trips normali oħra ta' matul il-ġimgħa.***